MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 758/1999/1

**Janet Azzopardi u b'digriet tas-6 ta' Novembru 2001 il-kunjom Azzopardi qed jigi sostitwit bil-kunjom "VELLA"**

**Vs**

**George Cardona**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fis-sittax (16) t'April 1998, fix-Xewkija, San Pawl il-Bahar, ghall-habta tas-13.00, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vann tat-tip Astra, registrat bin-numru LAC-126, baqa diehel fil-vettura tat-tip Toyota Corolla, registrata TAT-002, misjuqa mill-attrici, u dan minhabba sewqan traskurat, imprudenti,

negligenti u bi ksur tar-Regolamenti tas-sewqan, jigi kundannat li jhallas lill-attrici dak l-ammont ta’ danni minnha sofferti fl-imsemmi incident, li jigi likwidat, jekk mehtieg, bil-hidma ta’ perit mahtur, liema danni ma jaqbzux l-ammont ta’ Lm700.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Mejju 1998, u tal-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju tad-19 ta’ Ottubru 1998, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante ghall-incident ‘de quo’ kienet unikament responsabbli l-istess attrici in vista tan-negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha, hawn fuq imsemmi, u li jinsab a fol 19 tal-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 42, fol 43, u fol 44.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-attrici pproduciet is-segwenti provi:-

a) Ix-xhieda taghha permezz ta’ ‘<u>affidavit</u>’<u> u dokumenti</u> annessi ma din (fol 31 sa fol 39 ibid). Dwar l-<u>incident</u> in esami, l-attrici, wara li spjegat x’kienu r-ragunijiet ghaliex ma kienetx taqbel mal-iskizzi maghmulin mill-Pulizija li investiga dan il-kaz (ara infra) xehdet li l-karozza, misjuqa minnha u bin-numru TAT 002, kienet fuq it-triq principali. Hawnhekk hi xeghlet l-indicator sabiex turi li kienet ser iddur lejn Triq il-Pwales, li kienet fuq ix-xellug taghha. Fuq ix-xellug taghha ukoll, wara l’hekk imsejjha “dotted white line”, kien hemm wieqaf it-‘truck’ ossija ‘van’ numru LAC

126 misjuq mill-konvenut. Wara li karozza ohra li kienet quddiem l-imsemmi ‘truck’ ossija ‘van’ harget ghal fuq l-istess triq principali u kif l-istess attrici kienet ser iddur lejn ix-xellug taghha, l-istess ‘truck’ ossija’van’ saq, minghajr ebda sinjal li kien ser johrog minn fejn kien, kif hemm fuq spjegat u bhala konsegwenza habat mal-karozza misjuqa mill-attrici,, fuq in-naha tax-xellug ta’ din. L-istess attrici semmiet li l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet tat-tip ‘left hand drive’ u b’hekk kien difficli ghall-istess konvenut li jara l-karozza misjuqa mill-attrici u li kienet ‘f’livell aktar baxx, mill-kabina tat-‘truck’ ossija ‘van’ misjuq mill-konvenut.

b) Ex PS 696 Charles Cauchi (fol 24 sa fol 29) tal-istess atti li esebixxa kopja tal-iskizz, finalment maghmul minnu, kif ukoll tar-rapport dwar l-istess incident. B’referenza ghal dak indikat bhala ‘Drivers Statement(s)’ (Fol 27 ibid), waqt li jihder li l-attrici kienet stqarret mieghu ‘a caldo’ dak li, filfatt, xehdet, taht gurament fl-imsemmi ‘affidavit’, il-konvenut kien, da parti tieghu, stqarr li kien sejjer ‘…. From Xemxija Bay to Xemxija Hill awaiting and moving slowly to wait for another person to show him the way …..’ waqt li kkonferma li kient qed jsuq ‘van’ tat-tip ‘left hand drive’.

Ikkunsidrat

Illi jigi notat li l-konvenut, hlief li pprezenta l-imsemmija nota ta’ eccezzjonijiet, ma gab ebda prova sabiex jikkontrobatti dak li xehdet l-attrici, u dan avolja inghata opportunita’ ampja ghal dan l-iskop. Ghalhekk dan il-kaz ser, u ghandu, jigi deciz a basi tal-provi kif hemm fuq esposti. Mill-istess provi jjidher li l-konvenut, li kien ser jmur fid-direzzjoni tat-Telgha tax-Xemxija, hareg minn fejn kien, wara l-imsemmija ‘dotted white line’ minghajr ma ha l-prekawzjonijiet kollha u minghajr id-debita kawtela u attenzjoni sabiex jara li fuq it-triq principali ma kienx hemm traffiku iehor, kif filfatt, kien hemm. Dwar din il-manuvra, ghandu jigi enfasizzat li l-istess manuvra kellha tigi esegwita b’aktar kawtela u attenzjoni minn normal in vista li l-vettura tal-konvenut kienet tat-tip hawn fuq imsemmi.

Ikkunsidrat

Illi dawr il-quantum ta' hsarat fil-karozza tal-attrici (ara, ukoll, ir-ritratt a fol 33), f'nuqqas ta' kontestazzjoni, dawn a basi tad-dokumenti 'in atti' minn fol 34 sa fol 37, ghandhom jigu likwidati fl-ammont ta' Lm629.77,0.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident in esami minhabba sewqan traskurat, imprudenti, negligenti u bi ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;

2. tillikwida l-ammont ta' danni involuti fis-somma ta' Lm629.77,0; u

3. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm629.77,0 bl-imghax legali mill-25 ta' Mejju 1998 sad-data tal-pagament effettiv bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Mejju 1998 u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru tad-19 t' Ottubru 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------